# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 9**

**Rikors numru 89/2019/3 JPG**

**Yessous Camilleri**

**v.**

**Francesca Camilleri Cortis**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza titratta dwar l-appell li ppreżenta l-attur mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fis-17 ta' Ġunju 2020 permezz ta' liema ġiet miċħuda t-talba tiegħu għal dikjarazzjoni ta' nullita` taż-żwieġ ċelebrat bejn il-kontendenti fil-25 ta' Ġunju 2016.

2. Mill-atti jirriżulta li:

2.1. Permezz ta' rikors maħluf ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-26 ta' Marzu 2019 l-attur ippremetta u talab is-segwenti:

*"1. Illi l-kontendenti żżewġu fid-25 ta' Ġunju 2016 kif jirrizulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ li qed jiġi eżebit bħala Dok A.*

*"2. Illi l-kunsens tal-kontendenti minn min minnhom kien inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ kif kontemplat flartikolu19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*"3. Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, u dan bi ksur tal-artikolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*"4. Illi in effetti l-intimata ma rieditx tfal u fil-fatt miż-żwieġ ta' twieldux tfal.*

*"5. Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*"Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tiddikjara null u bla effet ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi iz-zwieg ċelebrat bejn il-kontendenti nhar il-25 ta' Ġunju 2016, u dan taht dawk il-provedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.*

*"Bl-ispejjez u l-intimata ingunta in subizzjoni."*

2.2. Il-konvenuta għalkemm notifikata baqgħet kontumaċi;[1]

2.3. Il-partijiet taw xhieda kif ukoll missier il-konvenuta u oħt l-attur;

[1] Fol. 8.

2.4. B’sentenza mogħtija fis-17 ta’ Ġunju 2020 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ċaħdet it-talba tal-attur, bl-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

3. L-attur appella mis-sentenza u ilmenta illi l-ewwel Qorti:

i. *Ex officio* qajmet għall-ewwel darba l-eċċezzjoni tal-inkompatibilita` bejn l-Artikolu 19(1)(d) u l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255, ossija ż-żewġ dispożizzjonijiet li fuqhom intalbet dikjarazzjoni ta’ nullita` taż-żwieġ bejn il-partijiet, mingħajr ma tatu l-opportunita` jirribatti għal tali eċċezzjoni qabel l-għoti tas-sentenza; u

ii. Allegatament għamlet apprezzament ħażin tal-fatti.

Talab għalhekk lil din il-Qorti:

> *“tirriforma s-sentenza fl-ismijiet premessi ... billi filwaqt li tikkonfermaha fejn din ċaħdet it-talba tal-appellant abbażi tal-artikolu 19(d) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta, tħassarha, tirrevokaha u tikkanċellaha fejn din ċaħdet t-talba tal-attur abbażi tal-artikolu 19(f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta u minnflok tilqa’ l-istess talba abbażi tal-istess artikolu u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.*
>
> *“Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.”*

<u>Konsiderazzjonijiet</u>

<u>L-Ewwel Aggravju.</u>

4. Dan l-aggravju huwa mibni fuq l-argument illi skont l-appellant, l-ewwel Qorti qajmet *ex officio* għall-ewwel darba fis-sentenza appellata l-eċċezzjoni tal-inkompatibilita` bejn l-Artikolu 19(1)(d) u l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255, ossija ż-żewġ dispożizzjonijiet li fuqhom huwa bbażat ir-rikors promotur tiegħu. Jilmenta mill-fatt li qabel l-għoti tas-sentenza l-ewwel Qorti qatt ma tatu l-opportunita` jirribatti għal dan. F'kull każ jiddikjara li mhux qed jitlob li l-atti jiġu rinvjati lill-ewwel Qorti ukoll għaliex il-konvenuta għażlet li tibqa' ma twieġibx u għalhekk m'hemmx riskju ta' nuqqas ta' xi prinċipju ta' ġustizzja naturali jekk il-punt jiġi deċiż minn din il-Qorti.

5. Dan l-aggravju m'huwiex mistħoqq. Qabel l-ewwel Qorti għaddiet sabiex tikkunsidra waħda waħda l-kawżali tal-annullament li fuqhom l-attur ibbaża t-talba, għamlet ċertu osservazzjonijiet ta' natura legali. Bdiet billi ġustament ikkunsidrat illi għalkemm ma sarux eċċezzjonijiet mill-konvenuta, għaliex din tal-aħħar qablet li t-talba tal-attur għandha tintlaqa', il-Qorti xorta kellha l-obbligu li teżamina l-mertu tat-talbiet tal-attur sabiex tistabbilixxi jekk mill-provi jirriżultax dak li ppremetta l-attur fir-rikors ġuramentat. Il-punt tat-tluq hi l-presunzjoni li ż-żwieġ hu validu.

6. Sussegwentment, il-qorti osservat li skont il-ġurisprudenza, iż-żewġ kawżali li fuqhom l-appellant talab dikjarazzjoni ta' nullita` taż-żwieġ bejn il-partijiet huma kontradittorji. Dan fis-sens illi n-nuqqas ta'

diskrezzjoni ta' ġudizzju kontemplata fl-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 timplika inkapaċita` li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti, filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni *a tenur* tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap.255 teħtieġ li jkun hemm il-kapaċita` intelletwali li twassal għall-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew ta' xi element tiegħu. Jidher li dik l-osservazzjoni saret biss *obiter* u ma kellhiex effett fuq id-deċiżjoni finali. Tant hu hekk illi fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti xorta kkunsidrat iż-żewġ kawżali fil-meritu.

7. Għalhekk, kuntarjament għal dak allegat mill-appellant, ir-rimarka li għamlet l-ewwel Qorti dwar l-allegata inkompatibilita` tal-kawżali ma tistax tiġi meqjusa bħala eċċezzjoni *ex officio.*

8. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju.

It-Tieni Aggravju.

9. Dwar il-meritu jilmenta li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u jisħaq illi mill-provi prodotti jirriżulta ampjament li l-konvenuta appellata qatt ma kellha l-ħsieb tal-prokreazzjoni meta għażlet li tiżżewweġ. It-talba finali tiegħu hija limitatament sabiex:

> *"filwaqt li tikkonfermaha fejn din ċaħdet it-talba tal-appellant abbażi tal-artikolu 19(d) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta, tħassarha, tirrevokaha u tikkanċellaha fejn din ċaħdet t-talba tal-attur abbażi tal-artikolu 19(f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta u minnflok tilqa' l-istess talba abbażi tal-istess artikolu"*

10. Din il-Qorti sejra għalhekk tillimita l-konsiderazzjonijiet tagħha għal dik il-parti tad-deċiżjoni appellata li permezz tagħha ġiet miċħuda l-kawżali bbażata fuq l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 fejn ingħad is-segwenti:

> *"Illi l-artikolu 19 (1)(f) jipprovdi illi zwieg ikun null:*
>
> > *"jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa."*
>
> ...
>
> *"Illi il-Qorti tqis illi mill-provi ma jirrizultax illi l-intimata kienet eskludiet ghal kollox il-possibilita li l-partijiet ikollhom tfal minn dan iz-zwieg. Huwa minnu illi mix-xhieda tal-intimata jirrizulta li kien hemm certu riluttanza da parti taghha li l-partijiet ikollhom it-tfal, minhabba li kienet imhassba dwar l-impatt li dan seta' jkollu fuq hajjitha. Illi pero, fl-ebda hin fix-xhieda taghha ma qalet illi hi kienet eskludiet assolutament li jkollha t-tfal. Filfatt, anke bejn il-partijiet qatt ma ntqal dan il-kliem: Almenu minn dak li jirrizulta mix-xhieda tal-partijiet, ir-rikorrent kien iddecieda illi l-intimata kienet assolutament eskludiet illi jkollhom it-tfal peress illi kienet qed tittratjeni milli jipprovaw cirka sentejn wara li zzewgu, u ghalhekk qabad u telaq mid-dar matrimonjali. Ma jirrizultax illi kien hemm xi diskussjoni bejn il-partijiet fejn l-intimata qalet lir-rikorrent li hija ma jridx li jkollhom tfal. Anzi jirrizulta mix-xhieda illi meta r-rikorrent telaq mid-dar minhabba din il-kwistjoni, l-intimata kienet marret tkellmu u kienet qaltlu illi kienet lesta illi jibdew jippruvaw halli jkollhom it-tfal izda rrikorrent kien irrifjutaha u qalilha li kien tard wisq. Filfatt, skont ix-xhieda mhux kontradetta tal-intimata, ir-rikorrent kien diga qieghed f'relazzjoni ohra gimghatejn wara li telaq mid-dar matrimonjali. Galadarba l-intimata kienet filfatt talbet lir-rikorrent sabiex jipprovaw ikollhom it-tfal, huwa car li ma jistghax jigi konkluz illi kien hemm eskluzjoni posittivi li l-partijiet ikollhom it-tfal; il-fatt illi r-rikorrent hass li kien tard wisq biex jipprovaw ghat-tfal cirka sentejn wara li zzewgu m'huwiex raguni bizzejjed sabiex jigi annullat zwieg. Illi ghalhekk filfehma tal-Qorti ma jirrizultax sal-grad rikjest mill-ligi eskluzjoni posittiva minn naha tal-intimata li jitwieldu ulied minn dan iz-zwieg."*

11. Quddiem l-ewwel Qorti l-konvenuta baqgħet kontumaċi, filwaqt li quddiem din il-Qorti wieġbet li fl-ebda mument ma eskludiet li jkollhom tfal matul iż-żwieġ. Tirreferi għall-fatt li wara li l-appellant telaq mid-dar

avviċinatu sabiex jiddiskutu kif setgħu jirranġaw l-affarijiet u qaltlu li wkoll kienet lesta li jkollhom it-tfal. Tikkontendi li ż-żwieġ tkisser mhux għaliex ma riditx tfal iżda minħabba l-infedelta` tal-appellant li diġa` kien f'relazzjoni ma' mara oħra ġimgħatejn wara li telaq mid-dar matrimonjali. Tikkummenta wkoll dwar il-fatt li l-appellant xehed li għalih li wieħed isir ġenitur hija '*ħaga żgħira'* u filwaqt li hija kienet riluttanti minħabba l-mod kif kien ser jeffetwa ħajjitha, iżda hija qatt ma qalet li hi kienet eskludiet li assolutament jkollha t-tfal. Tikkontendi wkoll li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-appellant għaliex hekk kien miftiehem bejniethom.

12. F'dan il-każ irriżulta li l-partijiet iżżewġu fil-25 ta' Ġunju 2016[2] meta l-attur kellu erbgħa u għoxrin (24) sena u l-konvenuta kellha sitta u tletin (36) sena. Dak iż-żmien il-partijiet kienu diġa` ilhom igħixu flimkien madwar ħames snin fil-fond proprjeta` tal-konvenuta u ekonomikament kienu stabbli. L-attur xehed għalhekk li ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn kellhom jistennew iktar biex jippruvaw ikollhom it-tfal. Dan ukoll in vista tal-eta` tal-konvenuta. Madanakollu l-appellata kienet tipposponi milli jippruvaw li jkollhom it-tfal sakemm l-attur fl-aħħar wasal għall-konklużjoni li ma riditx tfal. Igħid li meta rrealizza dan, huwa telaq mid-dar matrimonjali u mar lura d-dar għand ommu. Xehed illi wara ġimgħatejn jew tlieta l-appellata marret tkellmu u qaltlu biex jippruvaw

[2] Fol. 3.

għat-tfal iżda huwa fehem li ma kinitx konvinta fir-rigward u li kienet qed tgħidlu hekk biss għaliex riedet lilu u mhux għax riedet it-tfal.

13. L-appellanti fix-xiehda qalet:

> *"għax il-problema kienet tat-tfal, sewwa? Jiena dejjem kont nivvinta jew safar jew karnival u qisni dejjem kont nipposponi biex, għat-tfal, u kont ngħidlu u iwa issa la ... nistennew ftit ieħor, nistennew ftit ieħor, u qatt ma ... dejjem kien moħħni fil-karriera wkoll għax jien self-employed għandi l-business tiegħi u qisni dejjem, dejjem bżajt minnha l-ħaġa li mhux ha jkolli, like, l-ħajja tiegħi personali u ngawdi u hekk, dejjem kienet qisha prijorita' milli jiġi t-tfal.*
>
> *"...dejjem naraw, ngħidlu ejja ħa insiefru issa, u dejjem nibbukkjaw xi holiday, konna nsiefru ħafna u like, konna ngawdu u hekk, <u>u qisni ma kellix ħajra</u>.*
>
> *"Il-Qorti: Li jkollok it-tfal.*
>
> *"Xhud: Le.*
>
> *"Il-Qorti: U din kienet deċiżjoni li ħadt inti.*
>
> *"Xhud: Eżatt.*
>
> *"Il-Qorti: Għidtlu minn qabel li żżewwiġt inti li ma ridtx li jkollok tfal għax inti tippreferi l-karriera tiegħek ?*
>
> *"Xhud: Ma tant konna tkellimna fuqha l-ħaġa.*
>
> *"Qorti: Allura qatt m'għidtlu isma jiena biex inti tkun avżat...*
>
> *"Xhud: Le qabel iż-żwieġ qatt ma għidtlu hekk.*
>
> *........*
>
> *"Il-Qorti: Naħseb f'xi mument naħseb għidtlu le jiena definitely ma rridx, yes, qed naqblu, jew lanqas ?*
>
> *"Xhud: Ifhem jiena qatt m'għidtlu isma le jien ma rridx, imma mbagħad ġie f'ċertu punt li qabad u telaq hu u la iġifieri tkellimna...*
>
> *"Qorti: Għax fehem li inti ma tridx ....*
>
> *"Xhud: Li jiena ma rridx, imbagħad qabad u telaq u ma reġax ġie....*

*“Qorti: U imma fehem sew li inti ma ridtx ?*

*“Xhud: Fehemni naħseb hu.*

*“Qorti: Fehmek, għax inti ma mortx imbagħad wara li telaq għidtlu le u rajt li jekk ser jeħodha daqshekk bi kbira jiena lesta jkollhi t-tfal, qatt m’għidtlu hekk ?*

*“Xhud: Għidtlu ta, għidtlu imma imbagħad kien diġa’ kellu lil xi ħadd ieħor allura.. għidtlu, vera issa jista’ eżempju ma jkollix għax issa like kbirt, iġifieri ma ntihx tort lilu lanqas...*

*......*

*“Qorti: Taħseb illi trid tgħidli xi ħaġa illi jiena ma staqsejtekx fuqha u taħseb illi hija rilevanti sinjura ?*

*“Xhud: Le ta, napprezza li hekk, li jekk għallinqas nistgħu nieħdu nieħduh l-annullament għax issa hu ħa jkollu baby u jista jkun happy life, he can marry again”*[3]

14. Hu minnu li l-konvenuta ma kinitx turi xi entużjażmu sabiex ikollhom it-tfal, anzi jidher li kull meta l-attur kien ikellimha dwar dak is-suġġett kienet tippjana safra. Evidenti li l-konvenuta ma kinitx konvinta li kien wasal iż-żmien li jkollhom it-tfal, u li kien ifisser bidla fl-istil ta’ ħajja li kellhom. Dan minkejja li meta żżewġu kellha 36 sena u ż-żmien kien għaddej.

15. Il-prova li hemm bżonn sabiex jintwera li parti fiż-żwieġ eskludiet wieħed mill-elementi essenzjali taż-żwieġ għandha tkun ċara u ma tħallix lok għal xi dubju. Id-dubju għandu dejjem imur favur il-validita` taż-żwieġ. F’dan il-każ wara li l-Qorti qrat l-atti ma tistax tikkonkludi li r-raġunament tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-mertu, hu manifestament żbaljat u mhux

[3] Fol. 20.

sorrett mill-provi li hemm fl-atti. M’hemmx prova li qabel jew waqt iż-żwieġ l-attriċi qatt qalet lil żewġha jew familjari jew nies qrib tagħha li ma riditx tfal. Saħansitra meta l-attur telaq mid-dar kienet qaltlu li jekk jerġgħu jingħaqdu bħala koppja kienet lesta li jippruvaw ikollhom t-tfal. Fatt li kkonferma l-attur stess. Għalkemm qal li jaħseb li l-konvenuta għamlet dik il-proposta għaliex riedet lilu u mhux għaliex riedet it-tfal, jibqa’ il-fatt li jekk kienet daqstant determinata li ma jkollhiex tfal ma jagħmilx sens li tgħid lil żewġha biex jippruvaw ikollhom it-tfal. Il-fatt li l-konvenuta kienet qiegħda tipposponi ma jfissirx li meta żżewġet kienet determinata li ma jkollhomx tfal. Il-Qorti iktar tara li min-naħa tal-konvenuta kien hemm stat ta’ indeċiżjoni pjuttost milli konvinzjoni li ma jkollhomx tfal.

16. Minn dak li xehed l-attur hu evidenti li kienet deċiżjoni tiegħu li ma jkomplix jistenna lil martu tgħidlu li kien wasal iż-żmien li jkollhom it-tfal. Kienet għalhekk deċiżjoni tiegħu li jitlaq mid-dar matrimonjali u jaqbad ħajja oħra. Pero` dik m’hijiex prova biex tikkonvinċi Qorti li l-konvenuta żżewġet bl-intenzjoni li ma jkollhiex tfal.

17. Fiċ-ċirkostanzi mill-ftit provi li hemm fl-atti, il-Qorti m’hijiex tal-fehma li hemm biżżejjed provi li kellhom iwasslu lill-ewwel Qorti biex tiddeċiedi li fil-mument taż-żwieġ il-konvenuta eskludiet għal kollox it-tfal miż-żwieġ.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Spejjeż a karigu tal-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr